Minuti tal-Laqgħa Nru. 39 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sur Kearon Bruno<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Miżura 4.3
5. Lattrina Pubblika ta Triq Dun Pawl
6. Sistema tal-Water Culverts
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Massa irrimarkat li kienet imnizzla ħażin fl-attendenza tal-laqgħa preċedenti.

1.2 Il-minuti kienu ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-tabelli ta fejn l-Iskola il-għala dawn baqgħu ma sarux. Is-Segretarju semma li hawn kien hawn tabelli diġà. Il-Kunsillier Caruana semma li dawn kellhom isiru minn naħa ta' wara fil-parti ta' Triq Sant' Andrija k/m Triq San Ġorġ.

2.2 Is-Sindku semma li se jkun hawn xi traffic management ġdid fejn il-karozzi jibdew issa jgħaddi minn naħa ta' wara tal-Iskola. Huwa qal biex f' din l-okkażżjoni nagħmlu t-tabelli tat-traffic management il-ġdid ukoll u liema partijiet se jkunu magħluqa.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma li kif issa se tkun qed terġa tibda l-Iskola naraw nistgħux nibdew inqabbdu tnejn mill-ħaddiema tagħna biex jibdew jieħdu l-barriers tal-Iskola fil-post qabel jaslu l-Pulizija. Is-Segretarju qal li se jikkordina magħhom.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li hemm email fuq servizz li jipprovdi assistenza fuq dawk il-persuni li jsoffru minn problemi psikoloġiċi bl-isem Kellimni aktar.

3.2 Is-Segretarju ressaq email fuq konferenza Nazzjonali bl-isem Anzjani-Ġustizzja Soċjali jew Esklużżjoni biex minn huwa interessat jirreġistra għall din il-konferenza.

3.3 Is-Segretarju ressaq email fuq kors li kien ser isir minn naħa tal-Mental Health Association relatat ma diversi kundizzjonijiet mentali.

3.4 Is-Segretarju ressaq ittra minn naħa tal-Kumpanija Teatrali Dun Mikiel Xerri biex jinfurmawna fuq dramm Il-Madonna taċ-Ċoqqa li ser issir Ħal Qormi biex jekk inkunu interessati nistgħu norganiżżaw Grupp apposta.

3.5 Is-Segretarju ressaq email fuq konferenza li kienet ser issir minn naħa tal-NCPE fuq gender equality biex minn ikun interessat jista jattendi.

3.6 Is-Segretarju ressaq email minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq inizjattivi li kienet ser issir biex il-Kunsilliera jagħtu d-demm fl-okkażżjoni tal-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

3.7 Is-Sindku semma li fuq il-ġemellaġ diġà intbagħat ir-rapport għall approvazzjoni u qed jiġi ppreparat kollox.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa fuq ir-radju jsemmi x se jkun qed jagħmel il-Kunsill Lokali bħala toroq u proġetti oħra. Huwa qal li tajjeb li dawk l-affarijiet li jissemmew quddiem is-semmiegħa jkunu imwettqa mill-Kunsill.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma li Triq il-Mitjar u Triq Sir Ugo Mifsud ma kinux ġew tajbin. Is-Sindku qallu li rridu noqgħodu attenti kif nitkellmu għax il-Kunsill jaf is-sitwazzjoni fuq dawn it-toroq u anki kien għamel rapport mill-Perit u dawn ma kinux imħallsa kompletament. Huwa qal li fuq Triq il-Mitjar parti mit-Triq biss ma kinitx ġiet sewwa minħabba l-mod kif it-tarmac tpoġġa ma xulxin.

3.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-bus shelters. Is-Segretarju semma li kienu se jiġu Malta lot f' Diċembru u se jiċċekkja jekk magħhom hemmx dawk li jridu jitwaħħlu Ħal Luqa.

3.11 Is-Sindku semma li minn naħa tat-Transport Malta qed isir proġett biex tinbeda inizjattiva ta car sharing fil-lokalitajiet u ġo kull lokalita irid ikun hemm tlett stations. Huwa qal li dawn kienu se jitwaħħlu Ħal Luqa mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill u ħa passi biex ikun hemm konsultazzjoni. Huwa qal li rridu ninfurmaw lil Transport Malta bi tlett locations fejn aħna naraw li huma vjabbli.

3.12 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet fuq it-tabella li kienet irrapurtat li kienet se taqa fi Triq Valletta. Is-Segretarju qal li huwa kien iċċekkja u ra li din it-tabella inqalgħet u tħalliet wara ħajt mingħajr periklu.

## 4.0 MIŻURA 4.3

4.1 Is-Sindku semma li fuq din il-Miżura ingħatajna struzzjonijiet minn naħa tal-Paying Agency sabiex jinħareġ it-tender mill-ġdid u ma jintużax dak li kellu diġà l-Kunsill Lokali mal-kuntrattur tat-toroq. Huwa qal li dan ġara peress li minn meta konna daħħalna kopja tat-tender għall vetting s' issa kien skada l-kuntratt li kien hemm.

## 5.0 LATTRINA PUBBLIKA TA' TRIQ DUN PAWL

5.1 Is-Sindku ħareġ il-pjanti li kien għamel il-Perit fuq il-lattrina ta' Triq Dun Pawl u beda jispjega lill-Kunsilliera kif kien se jkun it-taqsim.

5.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm tieqa li tħares fuq il-bejt tal-lattrina kif inhi preżentament u li s-sid kellu l-jedd li jista jħalli din it-tieqa. Huwa qal li jekk skont il-pjanti issa se jsir shaft jaqbel li dan is-shaft jitressaq.

5.3 Il-Kunsillier Caruana semma li filkaż bħala kamra minn kif inhi ippjantata issir akbar minn kif ġiet impinġija ħalli jekk ikun hemm attività il-lattrina tkun tista tintuża minn aktar nies. Huwa qal li għall dan il-każ il-lattrina għandha tkun diviża bejn irġiel u nisa. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-lattrina għandha tkun diviża b' dan il-mod.

## 6.0 SISTEMA TAL-WATER CULVERTS

6.1 Is-Sindku semma li kellu laqgħa m' uffiċċjali għolja ta Infrastruttura Malta fejn semma l-problema tal-għargħar li hemm fi Triq il-Karmnu. Minn naħa ta' Infrastruttura Malta dawn ikkomettew li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ it-tender u jagħmel ix-xogħol u huma jirrifondu l-ispejjeż.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018 fis-6.30 p.m. Kien hemm il-ġurnata tal-15 ta' Ottubru 2018 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv